# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2016

Appell Nru. 129/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Roderick Sammut**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Roderick Sammut, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 9886M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Mis-26 ta' Marzu sa s-6 t'Ottubru, 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Charmaine Abela ghat-tifla minuri Sherona Sammut, is-somma ta' €300 iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-imsemmi Roderick Sammut hati tal-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Roderick Sammut, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' din il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

1. Fil-kwistjoni odjerna l-appellant iddikjara illi huwa kien sar jaf bid-digriet ta' manteniment fix-xahar ta' Dicembru 2015 igifieri wara li kien sar rapport lill-Pulizija mill-kwerelanta. Minkejja dan, huwa xorta kien fl-impossibilita' li jhallas dik ir-retta alimentari ghaliex kien jinsab bla xoghol u ghalhekk l-piena kominata ser ikollha effetti drastici kompriz fuq l-obbligu tieghu li jhallas il-manteniment dovut;
2. Il-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti u kkonfermat illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dak il-manteniment lamentat fl-imputatazzjoni. Issa,

ghalkemm ma huwiex normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

3. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' t-talba u filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' detenzjoni ta' xaharejn u minflok tikkundannah ghal-piena ta' tletin (30) euro ammenda.